MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2015

Numru. 28/2008

**Il-Pulizija**

**Spettur Daniel Zammit**

**VS**

**Clayton Cremona detentur tal-karta tal-identita' numru 442185M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Clayton Cremona** li gie akkuzat talli:

1. Fis-Swieqi, nhar is-16 ta’ Dicembru, 2007, ghall-habta tat-tmienja ta’ filghaxija (20:00hrs), gewwa Triq il-Kwartin, ikkometta serq minn fuq il-persuna ta’ Georgina Borg, liema serq kien ikkwalifikat bil-hin u bil-vjolenza;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, minghajr il-hsieb illi joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Georgina Borg f’periklu car, ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Georgina Borg;

3. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li nstab hati b’diversi sentenzi tal-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu, kif ukoll talli kkommetta reat fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fejn kien gie misjub hati b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess, kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, moqrija l-Artikoli mibghuta, u cioe’:

a. Fl-Artikoli 261(a), 261(f), 262(1)(a), 270, 274(c), 277(a), u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. Fl-Artikoli 214 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. Fl-Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. Fl-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e. Fl-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
f. Fl-Artikoli 28A sa 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, relattivament ghal dak misjub fl-Artikolu 28F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
g. Fl-Artikoli 7, 21, 22, 23, 24 u 25 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
h. Fl-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda kollha migjuba, u rat l-atti kollha.

Fl-ewwel lok il-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar it-tul ta’ zmien illi hadet din il-kawza biex tinqata’. Harsa lejn il-process turi li l-Ufficjal Prosekutur ghal snin shah naqas illi jtella’ l-provi minnu mitluba; drabi ohra ma deher hadd ghas-seduti, tant illi din il-Qorti giet kostretta taghlaq Hi l-provi tal-Prosekuzzjoni wara varji verbali njorati ghal dan l-iskop. Lanqas qatt ma tressqu provi in difesa jew saret xi forma ta’ trattazzjoni.

Mis-succint tal-provi jirrizulta li l-**<u>Ufficjal Prosekutur</u>** spjega l-fatti specie ta’ dan il-kaz, cioe’ dik ta’ snatch and grab illi bil-konsegwenza tieghu, il-misruqa sofriet anke griehi hfief. Spjega li waslu ghall-imputat in vista’ li d-derubata fuq is-sit

tal-aggressjoni gabret zewg cellulari. Kien minn hekk illi skont l-Ufficjal Prosekutur li huma waslu ghall-imputat, imbilli mill-contacts fl-istess mobile kellem lil kuginuh, xhud kemmxejn riluttanti bl-isem ta’ Ronnie.

Minn naha tieghu l-Ufficjal Prosekutur anke ezebixxa kemm il-fedina penali tal-imputat (fuq ordni Taghha, aktar tard anke wahda aggornata), u l-istqarrija tal-imputat fost dokumenti ohra.

Ezebixxa wkoll sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat. Gie ezentat mid-Difiza li jtella’ provi tal-identita’ dwar dawn (folio 130).

Semghet ghalhekk il-persuna derubata - certa **<u>Georgina Borg</u>**. Spjegat illi kienet il-gurnata tal-Hadd, 16 ta’ Dicembru, spiccat xoghol u kienet sejra lejn id-dar taghha. Dak iz-zmien tal-incident kienet qed toqghod is-Swieqi. Qalet illi semghet lil xi hadd jigri warajha. Hatafha xi hadd minn wara li pprova johdilha l-hand bag. Hi rrezistiet dan u spicca l-aggressur habbatha mal-art, hadilha l-hand bag u telaq jigri.

Spjegat illi l-hand bag kien jiswa tnejn u ghoxrin Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm22.50), u n-nuccali tal-vista li kellha go fih sitta u tletin Lira Maltin (Lm36.00).

Ziedet illi kif waslet id-dar, indunat illi la kellha c-cwievet u lanqas il-mobile, u ghax hasbet illi hadhomlha regghet marret

lura fuq il-post. Tghid illi ma kinitx ‘il boghod mid-dar. Hemm sabet mal-art, cioe’ fuq il-post tal-aggressjoni, zewg mobiles illi ma kinux taghha.

Regghet marret go darha u cemplet lil binha. Spjegat illi kellha tmur l-Isptar bl-ambulanza. Spjegat illi kellha hafna dmija go rasha u tbengil kullimkien.

Ikkalkulat illi mis-sit tal-aggressjoni sa darha kien hemm skont kalkolu taghha circa hames (5) metri. Ikkalkulat illi l-hin li kienet giet attakkata sakemm regghet marret lura fuq is-sit tal-incident, kien ta’ erba’ (4) minuti.

Ziedet illi bl-ghajjat taghha anke marru l-girien jghinuha.

Aktar tard Georgina Borg prezentat ic-certifikati medici rilaxxati fil-konfront tal-griehi minnha sofferti, Dok GB a folio 43. Jaqraw dawn illi hi kienet qed issofri minn griehi hfief.

Dwar il-mobiles illi gabret l-istess aggreduta, li ghaddew ghand il-pulizija, dawn gew ghalhekk ezebiti mill-Ispettur Daniel Zammit.

Fuq hekk gie mahtur **Dr Martin Bajada** li pero qatt ma gie biex jezebixxi r-relazzjoni tieghu, nonostante li l-Qorti ghamlet komuniki ta’ dan lill-Ufficjal Prosekutur.

Dwar ic-cellulari ezebiti, **PS 430 Andrew St John** xehed illi huma marru fuq il-post tal-aggressjoni. Hemm sabu lil Georgina Borg. Tathom deskrizzjoni tal-aggressur. Tathom il-mobile tal-ghamla Samsung illi hi kif gia' ntqal gabret mill-lok tal-aggressjoni. Dan kellu n-numru 99810078. Jghid illi bbrowzjaw il-messaggi fuq ic-cellulari. Sabu mnizzlin l-ismijiet Gladys Zija, Patrick Taghna, Peter Ziju, Ronnie Kugin. Qal illi tul l-investigazzjoni c-cellulari thalla mixghul, ghalhekk x'hin beda jdoqq kien ix-xhud personali li rrisponda. Qal illi fuq it-telephone deher illi l-kjamant kien xi hadd Luke Ta'...... Staqsa ghal Clayton. Meta x-xhud spjegalu li l-mobile kien instab u staqsieh biex jghidlu ta' min hu, dan wiegbu wrong number u qata'.

Gie mill-investigazzjoni stabbilit min kien dan Luke - dak iz-zmien hu l-ex tfajla ta' Clayton l-imputat. Intbaghtu wkoll ghall-familjari msemmija, ghalhekk waslu biex jattaccjaw il-mobile mal-imputat.

**PS 365 Alan Calleja** prezenta l-PIRS report tal-incident, kif ukoll xehed illi hu dwar il-mobile kien ta handover lil tas-CID.

Anke **PS 547 Martin Agius** illi wkoll acceda dakinhar tal-incident in dezamina biex ikellem lil Georgina Borg, ikkonferma s-sejba tac-cellulari li din qalet lill-pulizija li dawn ma kinux taghha.

**<u>Efraim Borg</u>**, iben l-aggredita, minn naha tieghu spjega li fis-16 ta' Dicembru kien Baystreet flimkien ma' shabu u cemplet ommu ppanikkjata. Bdiet tghidlu li serquha. Skondtu dan kien bejn is-sebgha u nofs (7.30) u t-tmienja nieqes kwart (7.45) ta' filghaxija. Qallha biex tidhol id-dar u ccempel lill-girien. Kien hu li cempel lill-pulizija. Meta wasal ghand ommu sab lill-girien jaghtuha l-assistenza.

Xehed illi ra cellulari ohra flimkien ma' dak ta' ommu.

**<u>Ronnie Spiteri</u>**, imfakkar illi hu kien gie mitkellem mill-pulizija s-sena ta' qabel dwar kuginuh Clayton, ma setax jiftakar in-numru tac-cellulari tieghu, u lanqas li fil-fatt kien kuginuh illi tah dan in-numru. Lanqas ftakar li kien mill-mobile tieghu ta n-numru tac-cellulari ta' kuginuh Clayton lill-pulizja. Zied wara li Clayton kien tah in-numru tac-cellulari xahrejn qabel. Qabel illi ghandu fic-cellulari kien 'saved' bhala Clayton kugin.

Dawn u dawn biss kienu l-provi prodotti.

Kif gia' ntqal qabel, giet anke ezebita l-istqarrija tal-imputat. Fiha kif kien drittu ghazel illi ma jwiegeb ghal kwazi ebda domanda. Dwar il-mobile in kwistjoni, mistoqsi jekk qatt kellux mobile tal-marka Samsung, wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi dwar in-numru 79810078 u kif kien ghand il-familjari tieghu, ghazel illi ma jwegibx. Innega li kien hu li kkometta s-serqa in ezami.

Mistoqsi kif kien isostni l-vizzju gurnaljier tad-droga, gialadarba ma kinx jahdem, ukoll ghazel illi ma jwegibx.

Ikkunsidrat:

Illi kif gia' ntqal, instab fuq il-post tal-aggressjoni cellulari li bla dubbju kellu fih numri ta' allegat parenteli tal-imputat. Pero minn dawn ittella' jixhed wiehed biss – cioe' kuginuh. Nonostante ammont kbir ta' zmien biex isir dan, qatt ma ttellghu parenteli ohra. Lanqas ma giet qatt ezebita Lilha r-relazzjoni ta' Dr Martin Bajada, li kienet zgur, certament u bla dubbju torbot dan il-kaz.

Nafu biss illi Georgina Borg giet aggredita, telqet lejn darha, regghet marret fuq il-post tal-incident xi erba' (4) minuti wara. Hemm gabret cellulari li ma kinux taghha. Hi ma gharfitx l-aggressur taghha. Nafu wkoll illi fic-cellulari kien hemm almenu l-contact ta' kugin tal-imputat, certu Ronnie, liema numru gie moghti lil dan ir-Ronnie mill-imputat.

Dawn huma l-provi.

Il-Qorti, ghalkemm tista' tasal biex temmen illi kien l-imputat illi kien l-agent ta' din l-aggressjoni, pero s-sejba biss ta' cellulari ftit minuti wara l-aggressjoni ma torbotx sal-grad li trid il-Ligi lill-imputat mar-reat. Dan huwa oggett li facilment jintilef. Lanqas nafu x'hin kien fuq il-post l-istess cellular - fatt dan li seta' jigi stabbilit biss mill-espert Dr Martin Bajada

kieku dan gie ngunt. In vista’ tal-prova gholja li trid tasal ghaliha l-Prosekuzzjoni hawn, Hija ferm konvinta li dan fil-fatt ma ntlehaqx, ghaldaqstant qieghda tillibera lil Clayton Cremona mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------